2025/1116

18.6.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1116

tat-12 ta' Ġunju 2025

li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "PAA family UCO Group" f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 44(5), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Lulju 2024, UCO Group BV ippreżentat applikazzjoni lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") f'konformità mal-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u mal-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 414/2013 ([2]) għal awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-istess familja ta' prodotti bijoċidali, kif imsemmi fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 414/2013, bl-isem ta' "PAA family UCO Group", tat-tipi ta' prodotti 2, 3 u 4 kif deskritti fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. L-applikazzjoni ġiet irreġistrata bin-numru tal-każ BC-TR098628-91 fir-Reġistru tal-Prodotti Bijoċidali. L-applikazzjoni indikat ukoll in-numru tal-awtorizzazzjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali ta' referenza relatata "Airedale PAA product family" awtorizzata bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1200 ([3]), bin-numru tal-awtorizzazzjoni EU-0028970-0000.

(2) L-istess familja ta' prodotti bijoċidali "PAA family UCO Group" fiha l-aċidu peraċetiku bħala s-sustanza attiva, li huwa inkluż fil-lista tal-Unjoni ta' sustanzi attivi approvati msemmija fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tipi ta' prodott 2, 3 u 4.

(3) Fl-14 ta' Ottubru 2024, l-Aġenzija ssottomettiet lill-Kummissjoni l-opinjoni tagħha ([4]) u l-abbozz tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali ("SPC") ta' "PAA family UCO Group" f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 414/2013.

(4) Fl-opinjoni tagħha, l-Aġenzija tikkonkludi li d-differenzi proposti bejn il-familja ta' prodotti bijoċidali "PAA family UCO Group" u l-familja ta' prodotti bijoċidali ta' referenza relatata "Airedale PAA product family" huma limitati għall-informazzjoni li tista' tkun is-suġġett ta' bidla amministrattiva f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 ([5]), u li abbażi tal-valutazzjoni tal-familja ta' prodotti bijoċidali ta' referenza relatata "Airedale PAA product family" u soġġett għall-konformità mal-abbozz tal-SPC, l-istess familja ta' prodotti bijoċidali "PAA family UCO Group" tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(6) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(5) Fl-14 ta' Ottubru 2024, l-Aġenzija bagħtet lill-Kummissjoni l-abbozz tal-SPC ta' "PAA family UCO Group" fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 414/2013 tas-6 ta' Mejju 2013 li jispeċifika proċedura għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti bijoċidali li huma l-istess skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 125, 7.5.2013, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/414/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1200 tal-21 ta' Ġunju 2023 li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "Airedale PAA product family" (ĠU L 159, 22.06.2023, p. 3-50, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1200/oj).

([4]) European Chemicals Agency opinion of 14 October 2024 on the Union authorisation of the of the same biocidal product family PAA family UCO Group, https://echa.europa.eu/opinions-on-union-authorisation.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 tat-18 ta' April 2013 dwar bidliet tal-prodotti bijoċidali awtorizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. (ĠU L 109, 19.4.2013, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/354/oj).

(6) Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjoni tal-Aġenzija u għaldaqstant tikkunsidra xieraq li tagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-istess familja ta' prodotti bijoċidali "PAA family UCO Group".

(7) Id-data tal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun allinjata mad-data tal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni tal-familja ta' prodotti bijoċidali ta' referenza relatata "Airedale PAA product family".

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'dan qed tingħata awtorizzazzjoni tal-Unjoni bin-numru tal-awtorizzazzjoni EU-0033444-0000 lil UCO Group BV għat-tqegħid fis-suq u għall-użu tal-istess familja ta' prodotti bijoċidali "PAA family UCO Group", f'konformità mas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali stabbilit fl-Anness.

L-awtorizzazzjoni tal-Unjoni hija valida mit-8 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2033.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ġunju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott għal familja ta' prodotti bijoċidali

PAA family UCO Group

Tip(i) ta' prodott

PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali

PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf

PT03: Iġjene veterinarja

Numru tal-awtorizzazzjoni EU-0033444-0000

Numru tal-assi R4BP EU-0033444-0000

PART I

L-EWWEL LIVELL TA' INFORMAZZJONI

1. **INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Kunjom**

Isem	PAA family UCO Group

1.2. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf PT03: Iġjene veterinarja

1.3. **Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni	Isem	UCO Group BV
	Indirizz	Korte Gotevlietstraat 9 8000 Brugge BE
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0033444-0000	
Numru tal-assi R4BP	EU-0033444-0000	
Data tal-awtorizzazzjoni	It-8 ta' Lulju 2025	
Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni	It-30 ta' Ġunju 2033	

1.4. **Manifattur(i) tal-prodott**

Isem tal-manifattur	Airedale Chemical Company Ltd
Indirizz tal-manifattur	Airedale Mills, Skipton Road, Cross Hills BD20 7BX Keighley Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	Airedale Chemical Company Ltd site 1 Airedale Mills, Skipton Road, Cross Hills BD20 7BX Keighley Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Isem tal-manifattur	UCO Group BV
Indirizz tal-manifattur	Korte Gotevlietstraat 9 8000 Brugge Il-Belġju
Post ta' siti ta' manifattura	UCO Group BV Korte Gotevlietstraat 9 8000 Brugge Il-Belġju

1.5. **Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)**

Sustanza attiva	Aċidu peraċetiku
Isem tal-manifattur	Airedale Chemical Company Ltd
Indirizz tal-manifattur	Airedale Mills, Skipton Road, Cross Hills BD20 7BX Keighley Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	Airedale Chemical Company Ltd site 1 Airedale Mills, Skipton Road, Cross Hills BD20 7BX Keighley Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-FAMILJA TAL-PRODOTT U FORMULAZZJONI**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-familja**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Aċidu peraċetiku		sustanza attiva	79-21-0	201-186-8	1,74 - 15,9 % (w/w)
Perossidu tal-idroġenu	Perossidu tal-idroġenu	Sustanza mhux attiva	7722-84-1	231-765-0	8,1 - 25,97 % (w/w)
Aċidu aċetiku	Aċidu aċetiku	Sustanza mhux attiva	64-19-7	200-580-7	7,7 - 15,9 % (w/w)
HEDP	etidronic acid	Sustanza mhux attiva	2809-21-4	220-552-8	0,99 - 1,2 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni**

Tip(i) ta' formulazzjoni	SL Konċentrat li jinħall

PART II

IT-TIENI LIVELL TA' INFORMAZZJONI META SPC(S)

1. **META SPC 1 INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Meta SPC 1 identifikatur**

Identifikatur	Meta SPC: Aċidu peraċetiku 2%

1.2. **Suffiss għan-numru tal-awtorizzazzjoni**

Numru	1-1

1.3. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf

2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-META SPC 1**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-meta SPC 1**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Aċidu peraċetiku		sustanza attiva	79-21-0	201-186-8	1,74 - 2,36 % (w/w)
Perossidu tal-idroġenu	Perossidu tal-idroġenu	Sustanza mhux attiva	7722-84-1	231-765-0	8,1 - 9,9 % (w/w)
Aċidu aċetiku	Aċidu aċetiku	Sustanza mhux attiva	64-19-7	200-580-7	14,1 - 15,9 % (w/w)
HEDP	etidronic acid	Sustanza mhux attiva	2809-21-4	220-552-8	0,99 - 1,2 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni tal-meta SPC 1**

Tip(i) ta' formulazzjoni	SL Konċentrat li jinħall

3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI TAL-META SPC 1**

Dikjarazzjonijiet ta' periklu	H272: Jista' jżid in-nar; ossidant. H290: Jista' jkun korrużiv għall-metalli. H314: Jagħmel ħruq serju lill-ġilda u ħsara lill-għajnejn. H302: Jagħmel il-ħsara jekk jinbela'. H411: Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema. EUH071: Korrużiv għas-sistema respiratorja.
Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni	P210: Żomm 'il bogħod mis-sħana, uċuħ jaħarqu, xrar tan-nar, fjammi miftuħa u sorsi oħrajn li jaqbdu. Tpejjipx. P220: Żomm 'il bogħod mill-ħwejjeġ u minn materjali li jaqbdu oħrajn. P234: Żomm biss fl-imballaġġ oriġinali. P260: Tiblax bin-nifs fwar. P260: Tiblax bin-nifs sprej. P264: Aħsel ġilda esposta sew wara li tużah. P271: Uża biss barra jew f'post ventilat sew. P273: Evita r-rilaxx fl-ambjent. P280: Ilbes ingwanti protettivi. P280: Ilbes ilbies protettiv. P280: Ilbes protezzjoni għall-għajnejn. P280: Ilbes protezzjoni għall-wiċċ. P301+P330+P331: JEKK JINBELA': laħlaħ il-ħalq. TIPPROVOKAX ir-remettar. P303+P361+P353: JEKK FUQ IL-ĠILDA (jew fuq ix-xagħar): Neħħi minnufih l-ilbies kontaminat kollu. Laħlaħ il-ġilda bl-ilma [jew bix-xawer]. P303+P361+P353: JEKK FUQ IL-ĠILDA (jew fuq ix-xagħar): Neħħi minnufih l-ilbies kontaminat kollu. Laħlaħ il-ġilda bl-ilma [jew bix-xawer]. P305+P351+P338: JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli sabiex tneħħihom. Kompli laħlaħ. P310: Ikkuntattja immedjatament ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT. P310: Ikkuntattja immedjatament tabib. P363: Aħsel il-ħwejjeġ kontaminati qabel terġa' tużahom. P391: Iġbor it-tixrid. P403+P233: Aħżen f'post b'ventilazzjoni tajba. Żomm il-kontenitur magħluq sew. P501: Armi l-l-kontenut fi punt ta' ġbir ta' skart perikoluż liċenzjat. P501: Armi l-il-kontenitur fi punt ta' ġbir ta' skart perikoluż liċenzjat.

4. **UŻU/I AWTORIZZAT(I) TAL-META SPC**

4.1. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 1

Tindif fuq il-post (CIP) inkluż fl-industrija tal-farmaċewtika u l-kożmetiċi

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: - Isem komuni: Batterji Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: - Isem komuni: Ħmira Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: - Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: - Isem komuni: Viruses Istadju iżvilupp: -
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Ġenerali (inkluża l-industrija farmaċewtika u kosmetika) Id-diżinfezzjoni ta' uċuħ ibsin, mhux porużi permezz ta' proċeduri CIP (biċ-ċirkolazzjoni tas-soluzzjoni tal-prodott fis-sistema tal-produzzjoni)
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: CIP - Dożaġġ manwali jew awtomatizzat Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott dilwit għandu jiġi trasferit ġo tagħmir li għandu jiġi diżinfettat b'dożaġġ manwali jew b'dożaġġ awtomatizzat. It-tlaħliħ finali (b'ilma tajjeb għax-xorb) huwa obbligatorju: wara l-proċedura ta' diżinfezzjoni, l-uċuħ ittrattati għandhom jitlaħalħu bl-ilma u l-ilma għandu jitbattal fis-sistema tad-drenaġġ.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: fit-temperatura tal-kamra, fi 15-il minuta ħin ta' kuntatt — Attiv kontra l-batterji u l-ħmira: 0,02% PAA (eż. 1% prodott ma' 2% PAA jiġifieri 10 ml prodott/litru) — Attiv kontra batterji, ħmira u fungi: 0,1% PAA (eż. 5% prodott ma' 2% PAA jiġifieri 50 ml prodott/litru) — Attiva kontra batterji, ħmira, fungi u viruses: 0,15% PAA (eż. 7,5% prodott ma' 2% PAA jiġifieri 75 ml prodott/litru). L-istruzzjonijiet ta' dilwizzjoni fil-parentesi għandhom jiġu adattati meta jintuża prodott b'konċentrazzjoni differenti ta' aċidu peraċetiku (PAA). 2-7,5 % Numru u ħin tal-applikazzjoni: 1-2 applikazzjonijiet kuljum

Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Flixkun/barmil polietilen ta' densità għolja (HDPE) b'tapp bil-kamin HDPE 5 litri, 25 litri, 30 litri Tank HDPE b'sufra polipropilen (PP): 200 litri HDPE kontenitur tal-massa intermedju (IBC) b'tapp bil-kamin HDPE: 1000 litri

4.1.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.1.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.1.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.1.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.2. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 2

Diżinfettar tal-uċuħ permezz ta' sprejjar jew tferriegħ (segwit b'imsieħ għal distribuzzjoni omoġenju) inkluż fl-industriji farmaċewtiċi u kosmetiċi

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: - Isem komuni: Batterji Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: - Isem komuni: Ħmira Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: - Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: - Isem komuni: Viruses Istadju iżvilupp: -

Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Ġenerali (inkluża l-industrija farmaċewtika u kosmetika) Diżinfettar ta' wċuħ ibsin u mhux poruż permezz ta' sprejjar jew tferriegħ
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Sprejjar jew tferriegħ (segwit minn imsieħ għal distribuzzjoni omoġenjuż) Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott dilwit għandu jitqiegħed fi u jiġi sprejjat bi flixkun tal-isprej bi grillu jew jitferra' fuq it-tagħmir jew il-wiċċ li għandu jiġi ddiżinfettat (imbagħad jimtesaħ għal distribuzzjoni omoġenja). L-istruzzjonijiet ta' dilwizzjoni fil-parentesi għandhom jiġu adattati meta jintuża prodott
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: fit-temperatura tal-kamra, fi 15-il minuta ħin ta' kuntatt — Attiva kontra batterji, ħmira, fungi u viruses: 0,15% PAA (eż. 7,5% prodott ma' 2% PAA jiġifieri 75 ml prodott/litru). L-istruzzjonijiet ta' dilwizzjoni fil-parentesi għandhom jiġu adattati meta jintuża prodott b'konċentrazzjoni differenti ta' aċidu peraċetiku (PAA). 7,5 % Numru u ħin tal-applikazzjoni: 1-2 applikazzjonijiet kuljum
Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Flixkun/barmil HDPE b'tapp bil-kamin HDPE 5 litri, 25 litri, 30 litri Tank HDPE b'sufra PP: 200 litri HDPE IBC b'tapp bil-kamin HDPE: 1000 litri

4.2.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.2.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.2.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.2.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.2.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.3. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 3

Dižinfezzjoni tal-uċuħ interni (eż. tankijiet, pajpijiet, reċipjenti, magni tal-mili) mis-CIP fl-industrija tal-ikel u tal-għalf

Tip ta' prodott	PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: - Isem komuni: Batterji Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: - Isem komuni: Ħmira Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: - Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: - Isem komuni: Viruses Istadju iżvilupp: -
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Fl-Industrija tal-ikel/għalf inklużi mħaleb, birreriji, l-industrija tax-xorb u x-xorb mhux alkoħoliku, l-ipproċessar tal-ikel u l-industriji tal-laħam (ħlief fil-biċċeriji u proċessi oħra bid-demm) Dižinfettar ta' wċuħ ibsin u mhux poruži bi proċeduri CIP (b'ċirkolazzjoni)
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Dożaġġ manwali jew awtomatizzat Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott dilwit għandu jiġi trasferit ġo tagħmir li għandu jiġi dižinfettat b'dożaġġ manwali jew b'dożaġġ awtomatizzat. Għall-użu fl-industriji tal-ħalib, it-tindif qabel il-proċedura ta' dižinfettar huwa obbligatorju. Għall-industriji kollha, it-tlaħliħ finali (b'ilma tajjeb għax-xorb) huwa obbligatorju: wara l-proċedura ta' dižinfezzjoni, uċuħ trattati jitlaħalħu bl-ilma u l-ilma jitbattal fis-sistema tad-drenaġġ.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: fit-temperatura tal-kamra, fi 15-il minuta ħin ta' kuntatt — Attiv kontra l-batterji u l-ħmira: 0,02% PAA (eż. 1% prodott ma' 2% PAA jiġifieri 10 ml prodott/litru) — Attiv kontra batterji, ħmira u fungi: 0,1% PAA (eż. 5% prodott ma' 2% PAA jiġifieri 50 ml prodott/litru) — Attiva kontra batterji, ħmira, fungi u viruses: 0,15% PAA (eż. 7,5% prodott ma' 2% PAA jiġifieri 75 ml prodott/litru). L-istruzzjonijiet ta' dilwizzjoni fil-parentesi għandhom jiġu adattati meta jintuża prodott b'konċentrazzjoni differenti ta' aċidu peraċetiku (PAA). 1-7,5 % Numru u ħin tal-applikazzjoni: 1-2 applikazzjonijiet kuljum
Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Flixkun/barmil HDPE b'tapp bil-kamin HDPE 5 litri, 25 litri, 30 litri Tank HDPE b'sufra PP: 200 litri HDPE IBC b'tapp bil-kamin HDPE: 1000 litri

4.3.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.3.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.3.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.3.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.3.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.4. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 4

Diżinfettar tal-uċuħ permezz ta' sprejjar jew tferriegħ (segwit b'imsieħ għal distribuzzjoni omoġenju) fl-industrija tal-ikel u tal-għalf

Tip ta' prodott	PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: - Isem komuni: Batterji Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: - Isem komuni: Ħmira Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: - Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: - Isem komuni: Viruses Istadju iżvilupp: -
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Fl-Industrija tal-ikel/għalf inklużi mħaleb, birreriji, l-industrija tax-xorb u x-xorb mhux alkoħoliku, l-ipproċessar tal-ikel u l-industriji tal-laħam (ħlief fil-biċċeriji u proċessi oħra bid-demm) Diżinfettar ta' wċuħ ibsin u mhux porużi permezz ta' sprejjar jew tferriegħ

Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Sprejjar jew tferriegħ (segwit minn imsieħ għal distribuzzjoni omoġenjuż) Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott dilwit għandu jitqiegħed fi u jiġi sprejjat bi flixkun tal-isprej bi grillu jew jitferra' fuq it-tagħmir jew il-wiċċ li għandu jiġi ddiżinfettat (imbagħad jimtesaħ għal distribuzzjoni omoġenja). Għall-użu fl-industriji tal-ħalib, it-tindif qabel il-proċedura ta' diżinfettar huwa obbligatorju.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: fit-temperatura tal-kamra, fi 15-il minuta ħin ta' kuntatt — Attiva kontra batterji, ħmira, fungi u viruses: 0,15% PAA (eż. 7,5% prodott ma' 2% PAA jiġifieri 75 ml prodott/litru). L-istruzzjonijiet ta' dilwizzjoni fil-parentesi għandhom jiġu adattati meta jintuża prodott b'konċentrazzjoni differenti ta' aċidu peraċetiku (PAA). 7,5 % Numru u ħin tal-applikazzjoni: 1-2 applikazzjonijiet kuljum
Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Flixkun/barmil HDPE b'tapp bil-kamin HDPE 5 litri, 25 litri, 30 litri Tank HDPE b'sufra PP: 200 litri HDPE IBC b'tapp bil-kamin HDPE: 1000 litri

4.4.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.4.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.4.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.4.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.4.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.5. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 5

Diżinfettar permezz tal-għaddis fl-industrija tal-ikel u tal-għalf

Tip ta' prodott	PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: - Isem komuni: Batterji Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: - Isem komuni: Ħmira Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: - Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: - Isem komuni: Viruses Istadju iżvilupp: -
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Fl-Industrija tal-ikel/għalf inklużi mħaleb, birreriji, l-industrija tax-xorb u x-xorb mhux alkoħoliku,l-ipproċessar tal-ikel u l-industriji tal-laħam (ħlief fil-biċċeriji u proċessi oħrabid-demm) Diżinfettar ta' tagħmir (uċuħ ibsin u mhux poruż) permezz tal-għaddis
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: tgħaddis Deskrizzjoni dettaljata: It-tagħmir li se jiġi diżinfettat għandu jitqiegħed f'banju tal-għaddis. Għall-użu fl-industriji tal-ħalib, it-tindif qabel il-proċedura ta' diżinfettar huwa obbligatorju.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: fit-temperatura tal-kamra, fi 15-il minuta ħin ta' kuntatt — Attiva kontra batterji, ħmira, fungi u viruses: 0,15% PAA (eż. 7,5% prodott ma' 2% PAA jiġifieri 75 ml prodott/litru). L-istruzzjonijiet ta' dilwizzjoni fil-parentesi għandhom jiġu adattati meta jintuża prodott b'konċentrazzjoni differenti ta' aċidu peraċetiku (PAA). 7,5 % Numru u ħin tal-applikazzjoni: 1-2 applikazzjonijiet kuljum
Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Flixkun/barmil HDPE b'tapp bil-kamin HDPE 5 litri, 25 litri, 30 litri Tank HDPE b'sufra PP: 200 litri HDPE IBC b'tapp bil-kamin HDPE: 1000 litri

4.5.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.5.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.5.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.5.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.5.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

5. **STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU TAL-META SPC 1**

5.1. **Struzzjonijiet għall-użu**

Ċiklu ta' diżinfettar (għad-diżinfettar tal-uċuħ BISS):

— l-uċuħ li għandhom jiġu ddiżinfettati għandhom jitnaddfu qabel il-proċedura tad-diżinfezzjoni, u min jużahom għandu jnaddaf sewwa, jlaħlaħ u jneħħi l-likwidi tat-tindif mill-uċuħ li għandhom jiġu ddiżinfettati.

— Il-prodotti għandhom jiġu dilwiti f'ilma tajjeb għax-xorb qabel l-użu.

Ir-rata ta' dilwizzjoni u l-ħin ta' kuntatt jiddependi fuq l-użu kkunsidrat. Jekk jogħġbok irreferi għad-deskrizzjoni tal-metodu ta' applikazzjoni relatat ma' kull użu.

— Proċeduri ta' diżinfettar mis-CIP:

  — Pass finali tat-tlaħliħ (b'ilma tajjeb għax-xorb).

Wara l-proċedura ta' diżinfettar, ir-reċipjenti tas-CIP (pajpijiet u tankijiet) jitbattlu u jitlaħalħu bl-ilma f'kundizzjonijiet ta' sistema magħluqa

— Proċeduri ta' diżinfettar bl-għaddis:

  — is-soluzzjoni ma għandhiex terġa' tintuża.

Uża biss darba kuljum wara l-produzzjoni u ibdilha b'soluzzjoni friska kuljum

— Proċeduri ta' diżinfettar permezz tal-isprejjar:

  — xarrab il-wiċċ kompletament (rata ta' applikazzjoni > 20 mL/m2 iżda massimu ta' 100mL/m^2) sabiex il-wiċċ jinżamm imxarrab matul il-ħin ta' kuntatt meħtieġ.

  — Tużax it-tagħmir sakemm il-prodott jiġi assorbit kompletament fil-wiċċ jew jinxef bl-arja.

5.2. **Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji**

— Ilbes nuċċali kimiku konsistenti mal-Istandard Ewropew EN 16321 jew l-ekwivalenti, ilbies protettiv kimikament reżistenti għall-prodott bijoċidali, u ingwanti reżistenti għall-kimiċi kklassifikati skont l-Istandard Ewropew EN 374 jew l-ekwivalenti. Nuċċalijiet, ilbies protettiv u materjal tal-ingwanti (preferibbilment gomma tal-butil) għandhom jiġu speċifikati mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-informazzjoni tal-prodott. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u leġiżlazzjonijiet oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Ara t-taqsima 6 għat-titoli kollha tal-istandards u l-leġiżlazzjoni EN.

— Uża b'ventilazzjoni adegwata. Uża kontrolli tal-inġinerija biex iżżomm il-livell tal-arja taħt ir-rekwiżiti jew il-linji gwida tal-limitu tal-espożizzjoni. Il-livelli atmosferiċi għandhom jinżammu taħt il-linja gwida tal-esponiment. Għall-applikazzjoni kollha tal-imsieħ u tal-bexx, hija meħtieġa rata ta' ventilazzjoni ta' mill-inqas 10 bidliet tal-arja fis-siegħa fil-kmamar fejn issir l-applikazzjoni.

— Meta tkun meħtieġa protezzjoni respiratorja (jiġifieri meta l-konċentrazzjoni tal-PAA u/jew tal-perossidu tal-idroġenu huma ogħla mill-Konċentrazzjoni ta' Espożizzjoni Akuta (AEC) rispettiva tagħhom (AECinhalation) (0.5 mg/m3 u 1. 25 mg/m3 rispettivament), uża respiratur approvat li jippurifika l-arja jew li jipprovdi arja bi pressjoni pożittiva skont il-konċentrazzjoni potenzjali fl-arja.

— Tużax tagħmir/uċuħ u tħallix annimali/tjur jidħlu sakemm il-prodott jiġi assorbit kompletament fil-wiċċ jew jinxef bl-arja

— Żomm fejn ma jintlaħaqx mit-tfal u annimali/annimali domestiċi mhux fil-mira.

— Dħul mill-ġdid fiż-żona ttrattata huwa permess biss ladarba l-livelli tal-aċidu peraċetiku u l-perossidu tal-idroġenu fl-arja jkunu taħt l-AECinhalation (0.5 mg/m3 rispettivament għall-PAA u 1.25 mg/m3 għall-H2O2)

— L-ebda persuni li jkunu fil-qrib m'huma permessi f'żona ttrattata matul il-fażi tal-applikazzjoni.

5.3. **Dettalji tal-effetti diretti jew indiretti, struzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent**

— JEKK JINBELA': Laħlaħ il-ħalq minnufih. Agħti xi ħaġa x'tixrob, jekk il-persuna esposta tkun tista' tibla'. TISTIMULAX ir-remettar. Ċempel 112/ambulanza għal għajnuna medika.

— JEKK FUQ IL-ĠILDA: Aħsel il-ġilda minnufih b'ħafna ilma. Neħħi l-ħwejjeġ kontaminati kollha u aħsilhom qabel terġa' tużahom. Kompli aħsel il-ġilda bl-ilma għal 15-il minuta. Wara li taħsel il-ġilda: Ċempel 112/ambulanza għal għajnuna medika.

— Informazzjoni għall-persunal tal-Kura tas-Saħħa/tabib: Ibda miżuri ta' sostenn tal-ħajja, imbagħad ċempel ĊENTRU TAL-VELENI

— JEKK FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ immedjatament bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk hemm u faċli tneħħihom. Kompli laħlaħ għal mill-inqas 15-il minuta. Ċempel 112/ambulanza għal għajnuna medika.

— Informazzjoni għall-persunal tal-Kura tas-Saħħa/tabib: L-għajnejn għandhom ukoll jitlaħalħu ripetutament inti u sejjer għand it-tabib jekk l-għajnejn kienu esposti għal kimiċi alkalini (pH > 11), amini u aċidi bħal aċidu aċetiku, aċidu formiku jew aċidu propjoniku.

— JEKK JINĠIBED MAN-NIFS: Mur fl-arja friska u oqgħod f'pożizzjoni mistrieħa u komda biex tieħu n-nifs. Immedjatament ċempel 112/ambulanza għall-għajnuna medika.

— Informazzjoni għall-persunal tal-Kura tas-Saħħa/tabib: Immedjatament ibda miżuri ta' sostenn tal-ħajja, imbagħad ċempel ĊENTRU TAL-VELENI.

— Jekk ikun hemm is-sintomi: Ċempel 112/ambulanza għal għajnuna medika.

— Jekk m'hemmx sintomi: Ċempel ĊENTRU TAL-VELENI jew tabib.

— Informazzjoni għall-persunal tal-Kura tas-Saħħa/tabib: Ibda miżuri ta' sostenn tal-ħajja jekk ikunu meħtieġa, imbagħad ċempel ĊENTRU TAL-VELENI.

5.4. **Struzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u tal-imballaġġ tiegħu**

— Dan il-prodott bijoċidali, meta jintrema fl-istat mhux użat u mhux ikkontaminat tiegħu, għandu jiġi ttrattat bħala skart perikoluż skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Kull prattika ta' rimi għandha tkun konformi mal-liġijiet nazzjonali u provinċjali kollha u kull liġi lokali jew muniċipali li tirregola skart perikoluż. Tarmix fid-drenaġġ, fl-art, jew fi kwalunkwe korp ta' ilma. Evita r-rilaxx fl-ambjent. Inċinerazzjoni f'temperatura għolja hija prattika aċċettabbli.

— Il-kontenituri ma jistgħux jerġgħu jimtlew. Terġax tuża jew timla l-kontenituri. Il-kontenituri għandhom jitlaħalħu bl-ilma tliet darbiet jew taħt pressjoni minnufih wara li jitbattlu. Jistgħu mbagħad jiġu offruti għar-riċiklaġġ jew rikondizzjonament għal prodotti bijoċidali, jew jistgħu jittaqbu u jintremew f'miżbla sanitarja jew permezz ta' proċeduri approvati mill-awtoritajiet nazzjonali u lokali. Ibgħat l-iskart likwidu mit-tlaħliħ ta' kontenturi użati lejn faċilità approvata tal-ġestjoni tal-iskart.

5.5. **Il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

— Aħżen f'temperatura bejn 0°C u 30°C

— Aħżen f'kundizzjonijiet mudlama

— Żomm f'post ventilat tajjeb. Żomm dan il-prodott fil-kontenitur oriġinali meta ma jkunx qed jintuża. Il-kontenitur għandu jinħażen u jiġi trasportat f'pożizzjoni wieqfa biex tevita t-tixrid tal-kontenut mit-toqba tal-arja, meta jkun hemm.

— Taħżinx fi u evita kuntatt mal-aluminju, azzar tal-karbonju, ram, ħadid azzarjat, ħadid.

— Evita kuntatt ma' amini, ammonja, aċidi qawwijin, bażijiet qawwijin, ossidaturi qawwijin.

— Ħajja utli: Meta-SPC 1 (2% PAA): 6 xhur

6. **INFORMAZZJONI OĦRA**

Fir-rigward tal-"Kategorija(i) tal-utenti" innota:

Professjonisti (inklużi l-utenti industrijali) tfisser professjonisti mħarrġa jekk dan ikun meħtieġ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

It-Titoli kollha tal-istandards u l-leġiżlazzjoni EN imsemmija fit-taqsima 5.2:

EN 16321– Protezzjoni tal-għajnejn u tal-wiċċ għal utenti fuq ix-xogħol – Parti 1: rekwiżiti ġenerali

EN 374 – Ingwanti protettivi kontra kimiċi u mikroorganiżmi perikoluż. Parti 1: rekwiżiti ta' terminoloġija u prestazzjoni għal riskji kimiċi.

Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta'April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11.

7. **IT-TIELET LIVELL TA' INFORMAZZJONI: PRODOTTI INDIVIDWALI FIL-META SPC 1**

7.1. **Isem/Ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali**

Isem/Ismijiet kummerċjali	UCODES 5020+	qasam tas-suq: UE
	Oxi des foam 2	qasam tas-suq: UE
	Sanitizer P Foam 2	qasam tas-suq: UE
	Perafoam 2	qasam tas-suq: UE
	Active des foam 2	qasam tas-suq: UE
	PaDes 2 F	qasam tas-suq: UE
	Oxy Foam Des 2	qasam tas-suq: UE
	Oxy Salsa F2	qasam tas-suq: UE
	Pax Foam 2	qasam tas-suq: UE
	PAA 2S	qasam tas-suq: UE
	PerAceticA-cid 2S	qasam tas-suq: UE
	PerAceticA-cid 2F	qasam tas-suq: UE
	BACK-FLUSH F2	qasam tas-suq: UE
	BACTERIO-FLUSH F2	qasam tas-suq: UE
	BACTO FLUSH F2	qasam tas-suq: UE
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0033444-0001 1-1	

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Aċidu peraċetiku		sustanza attiva	79-21-0	201-186-8	2 % (w/w)
Perossidu tal-idroġenu	Perossidu tal-idroġenu	Sustanza mhux attiva	7722-84-1	231-765-0	9,105 % (w/w)
Aċidu aċetiku	Aċidu aċetiku	Sustanza mhux attiva	64-19-7	200-580-7	14,421 % (w/w)
HEDP	etidronic acid	Sustanza mhux attiva	2809-21-4	220-552-8	0,99 % (w/w)

7.2. **Isem/Ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali**

Isem/Ismijiet kummerċjali	UCODES 5020 CIP	qasam tas-suq: UE
	Oxi des cip 2	qasam tas-suq: UE
	Des P 2	qasam tas-suq: UE
	Sanitizer P2	qasam tas-suq: UE
	Active des cip 2	qasam tas-suq: UE
	PaDes 2C	qasam tas-suq: UE
	Oxy Cip Des 2	qasam tas-suq: UE
	Oxy Salsa C2	qasam tas-suq: UE
	Pax Cip 2	qasam tas-suq: UE
	UCOFLOW M502	qasam tas-suq: UE
	UCO AQUA P502	qasam tas-suq: UE
	UCO AQUA S502	qasam tas-suq: UE
	PAA 2	qasam tas-suq: UE
	PerAceticA-cid 2	qasam tas-suq: UE
	DESAQUA 2	qasam tas-suq: UE
	BACK-FLUSH 2	qasam tas-suq: UE
	BACTERIO-FLUSH 2	qasam tas-suq: UE
	BACTO FLUSH 2	qasam tas-suq: UE
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0033444-0002 1-1	

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Aċidu peraċetiku		sustanza attiva	79-21-0	201-186-8	2 % (w/w)
Perossidu tal-idroġenu	Perossidu tal-idroġenu	Sustanza mhux attiva	7722-84-1	231-765-0	9,105 % (w/w)
Aċidu aċetiku	Aċidu aċetiku	Sustanza mhux attiva	64-19-7	200-580-7	14,421 % (w/w)
